FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Gunju, 2002**

**Numru 41**

**Avviz. numru 992/02JR**

**Michael Debono Limited**

**vs**

**Pilastri Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u mitejn u disgha u tletin lira Maltija (Lm1239.00), dovut skond tmintax-il kambjala ffirmati ghan-nom tas-socjeta` konvenuta in pagament parzjali tal-prezz ta' vettura Toyota Hi-Ace PANEL Van bin-numru ta' registrazzjoni HAN-641 mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta liema kambjali (numerati 31 sa 48) huma kollha skaduti izda mhux imhallsa;**

**Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Frar, 2002.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentat risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Christian Grima ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf u mitejn u disgha u tletin lira Maltija (Lm1239.00), bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Frar, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluz ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Frar, 2002, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**